# IL-PJAN TAL-LEZZJONI – 1.7

**Kap 1: Jien u l-Oħrajn**

**Lezzjoni 1.7 - Int xi tħobb tagħmel?**

**L-Għanijiet:**



**L-istudenti:**

1. Jitgħallmu dwar il-kultura ta' żmien Ġesu'.

2. Jifhmu u janallizzaw id-differenzi li kien hemm bejn il-Lhud, is-Samaritani u jaraw li l-bniedem jiġi qabel kollox.
   Jidentifikaw dawk ix-xogħlijiet li kienu jsiru fi żmien Ġesù.

**Ir-Riżorsi għal-lezzjoni:**



- Videoclip: *The Good Samaritan*
  https://www.youtube.com/watch?v=_v-aSmzG668

- Karta ta' Taħriġ 1.6 (mill-Ktieb)

## Naqsmu flimkien – L-Introduzzjoni u d-diskussjoni tal-bidu.

1. Uri stampa ta' flus u staqsi minn fejn jiġu.
2. Spjega li ħafna drabi l-flus jiġu mix-xogħol.
3. Introduċi l-lezzjoni billi tispjega li llum se naraw x'kienu jagħmlu l-Lhud ta' żmien Ġesù biex jaqilgħu x'jieklu.



## Nisimgħu flimkien (Il-qafas tal-lezzjoni)

1. Uri l-powerpoint *Kienu Nies Bieżla*. Permezz tal-istampi u t-tagħrif it-tfal jifhmu l-kultura li trabba fiha Ġesù. Enfasizza li ħafna mit-tagħrif ingħata lilna mill-erba' evanġelisti fejn Ġesù jagħmel referenza għax-xogħol tal-biedja u r-raħħala. Nafu wkoll li hu kien iben mastrudaxxa. Mill-ġrajja tas-Samaritana nafu li n-nies tal-post kienu jimlew l-ilma mill-bir ta' Ġakobb fil-waqt li hemm referenzi għax-xogħol tas-sajd. Mill-vanġeli nafu li kienu jitkabbru wkoll xi siġar bħad-dwieli, iż-żebbuġ u t-tin.
2. Stieden lit-tfal jiftħu l-Ktieb tal-Attivitajiet 1.6 u aqra s-silta mogħtija.
3. Iddiskuti Attività 1 billi t-tfal jiftakru fuq dak li jkun intqal dwar xogħlijiet li kienu jagħmlu dak iż-żmien.
4. Iddiskuti l-istampi u t-tfal ipinġu dawk ix-xogħlijiet li għandhom x'jaqsmu mal-Kultura Lhudija.
5. Iddiskuti Attività 3 u oħroġ l-aspett tal-imħabba ma' dawk li forsi m'għandhomx l-istess ġilda jew twemmin bħal tagħna.



## Nikbru flimkien (Il-punti saljenti tal-lezzjoni)

1. Biex issir taf lil xi ħadd trid timmaġina l-mod ta' ħajja li jgħix.
2. Biex inkunu nafu dwar Ġesù, irridu nifhmu kif kienu jgħixu hu u l-Lhud ta' żmienu. Mill-vanġeli nafu li l-ħajja ta' żmien Ġesù ma kenitx waħda faċli. Ħafna min-nies kienu bla skola, jaqilgħu l-għixien tagħhom b'xogħol iebes.
3. Fi żmien Ġesù, l-aktar xogħlijiet importanti kienu dak ta' sajjied, ragħaj u bidwi.
4. In-nisa kienu jagħmlu l-ħobż u jnaddfu d-dar.




## Nagħżlu flimkien (L-attitudni)

1. Alla jħobb lil kulħadd u jgħallimna li kulħadd huwa l-proxxmu tagħna. It-tfal juru li jaċċettaw, jilqgħu u jħobbu lil dawk li jiltaqgħu magħhom, anke meta dawn huma differenti minnhom.



## Niċċelebraw flimkien xi kant /drama/ DVD

*The Good Samaritan*

*https://www.youtube.com/watch?v=_v-aSmzG668*



## Nitolbu

Mulej, għallimni naċċetta lil kulħadd f'ħajti anke lil dawk li jaħsbuha differenti minni.

